# Awguri lil Mro Andrew Coleiro mill- President , Kumitat, u soċi tal-Kazin Santa Liena Banda Duke of Connaught's Own

Nhar it-13 ta` Diċembru tas-sena li għaddiet waqt iċ-ċerimonja ta` Jum ir-Repubblika ta` Malta, l-Eċċ. tagħha l-President ta` Malta is-sinjura Mary Louise Coleiro Preca tat-Ġieħ ir-Repubblika lis-surmast Andrew Coleiro.

Is-surmast Andrew Coleiro twieled f`Tas-Sliema nhar l-10 ta` April 1945 iben Francis u Rita. Missieru Francis kien idoqq is-saxafon sopran ma' diversi baned. Andrew kien beda l-istudji mużikali tiegħu fil-każin tal-banda "Sliema" għand is-surmast ta`dak iż-żmien il-Kaptan Buttigieg li mill-ewwel induna bil-kapaċitajiet mużikali tiegħu.

Beda jdoqq il-klarinett regolarment mal-banda "Sliema" u ma' baned oħrajn filwaqt li baqa' jistudja t-teorija għand is-surmast Carmelo Pace. Aktar studju fil-prattika tal-istrument kien komplih għand is-surmast li huwa magħruf bħala "Is-surmast tal-marċi sbieħ" - is-surmast Angelo Pullicino, dak iż-żmien surmast tal-banda "San Ġiljan". Fis-sena 1967 huwa ingħaqad fiż-żwieġ ma' Joanne nee Bonnici. Għandhom tlett itfal, Omar, li minbarra li huwa mużiċist għamel numru ta` snin fil-kariga ta`segretarju fil-Kumitat tal-każin tal-banda *"Duke of Connaught`s Own"*, Sonia u Claudine.

Daħal fl-armata bħala suldat mużiċist f`dik li qabel kienet ir-*"Royal Malta Artillery"*, illum magħrufa bħala l-banda tal-Forzi Armati. Dak iż-żmien is-surmast kien Anthony Chircop. Kien hu stess li ħajjar lis-surmast Coleiro biex jibda jdoqq il-klarinett baxx.




L-ewwel ħatra tas-surmast Andrew Coleiro kienet dik ta`Assistent Surmast mal-banda "Sant`Andrija" ta` Ħal-Luqa. F`dik l-istess sena bdiet il-karriera twila tiegħu ta`kompożizzjonijiet ta` marci brijużi, bl-ewwel marċ ikun bl-isem *"Hole in the Wall"* li ndaqq mill-banda "La Vittoria" tal-Mellieħa.
Minn hemm 'il quddiem il-marċi brijużi

"Ta` Kulajru" kif inhuma magħrufin mad-dilettanti tal-marċi Maltin, bdew isibu l-post tagħhom mhux biss fis-settijiet tal-marċi, iżda wkoll fil-lista tal-marċi popolari.

Fl-1975 bdiet għas-surmast Andrew Coleiro l-itwal esperjenza tiegħu, dik b`konnessjoni mużikali mal-banda "Duke of Connaught`s Own" ta` Birkirkara. Ma' din is-soċjeta beda bħala għalliem tal-allievi u Assistent Surmast tal-banda.

L-ewwel marċ li kiteb għal din il-banda kien bl-isem ta` Augusta fis-sena 1975. Sentejn wara fis-sena 1977 ġie maħtur Surmast Direttur tal-banda *"Duke of Connaught`s Own"* fejn dam fil-kariga sas-sena 2008.

Kemm dam ma' din il-banda huwa mhux biss kiteb numru kbir ta` marċi, iżda dderieġa lill- banda waqt għadd kbir ta` programmi mużikali annwali li kienu jsiru fis-sala Sir Temi Zammit fl-Universita' f`tal-Qroqq u fuq il-plancier fi pjazza "Sant`Elena" f`lejlet il-festa ta`Santa Liena. Żewg kunċerti kbar li dderieġa u li ġew irrekordjati fuq diski kompatti huma dawk li saru fil-Bażilika Elenjana.

Dawn kienu l-akkademja vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-1675 Anniversarju tal-glorifikazzjoni ta` Sant`Elena li kienet saret il-Ġimgħa 2 ta` Mejju 2003 u l-akkademja vokali u strumentali fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju tal-Bażilika Elenjana li kienet saret nhar it-2 ta` Mejju tas-sena 2000.

Programm ieħor li fih idderieġa lill-banda kien dak li sar f`Sorrento fl-Italja. Minbarra dawk iż-żewg diski kompatti tal-programmi mużikali, is-surmast idderieġa l-banda *"Duke of Connaught`s Own"* fir-rekordings tas-sett tal-marċi proċessjonali li ddoqq il-banda waqt li tkun qed takkumpanja l-istatwa ta' Sant Elena fil-purċissjoni kemm dik ta' nhar il-festa fit-tielet Ħadd t'Awwissu fil-għodu kif ukoll dik li ssir fil-festa ta` Santu Kruċ li ssir nhar it-3 ta' Mejju filgħaxija.

F`dan is-sett ta` marċi proċessjonali rrekordjat fis-sena 1990 hemm tliet kompożizzjonijiet tal-istess surmast. Dawn huma Costantino Magno, Anno Domini 328 u In Hoc Signo Vinces.

Il-banda taħt id-direzzjoni tiegħu rrekordjat settijiet ta` marċi brijużi fuq diski kompatti fis-snin; 1997, 1998, 1999, 2001, 2002, 2003, 2005, 2007, 2009, u 2011.

Is-sett tal-marċi tas-sena 2007 kien ġie rrekordjat f`għeluq it-30 sena minn meta s-Surmast Andrew Coleiro kien ħa t-tmexxija tal-banda *"Duke of Connaught` s Own"* f`idejh bħala Surmast Direttur. Bla dubju ta` xejn l-aktar sett ta` marci brijuzi li għamel suċċess kien dak tad-diska kompatta doppja tas-sena 2002 meta s-surmast kien ilu fil-kariga 25 sena

Fih kienu ġew irrekordjati 19-ilmarċ brijuċ li kienet żanżnet il-banda mis-sena 1975 sas-sena 1999,u l-innu marċ Ħamsin Sena Bazilika miktub fl-1999.
Dawn ħarġu kollha mil-pinna mużikali tas-Surmast Andrew Coleiro. Għal din l-okkażjoni



kien sar programm speċjali fis-sala "San Alwigi" f'Birkirkara fejn kien ġie rregalat tifkira sabiħa mill-Kumitat u l-partitarji tas-Soċjetà. Tliet diski kompatti oħra ta' din il-banda Karkariża kienu dawk bil-marċi funebri li ġew irrekordjati fis-sena 1998, 2003 u 2006. F'dawn it-tliet settijiet hemm erba' marċi funebri tas-surmast Andrew Coleiro.

Fost il-casettes li ġew irrekordjati mill-banda taħt id-direzzjoni tiegħu kien hemm is-sett tas-sena 1985 fejn il-marci *"Tislima lill-Ewwel Banda Karkariza"*, *"El Patrizio"* u *"Micky Dee"* huma miktuba minnu. Rekordings oħrajn tas-surmast fuq inizjattiva personali kienu dawk irrekordjati wkoll fuq casettes bit-tema Ġejja l-Banda, vol.1 fl-1983, vol no.2 fl-1984, vol no.3 fl-1987 u vol no.4 fl-1988.

L-ewwel wieħed minn dawn il-volumi kien ukoll ħareġ fuq diska *"long play"*. Fis-sena 1983 ir-rekording kien sar fis-sede tal-banda ċittadina *"King's Own"* tal-Belt fejn ukoll kien għamel żmien fil-kariga ta' Asisstent Surmast tal-banda.

Fuq il-jacket tad-diska hemm ritratt tal-banda *"Duke of Connaught's Own"* waqt il-marċ ta' filgħodu fil-festa ta' Sant'Elena. Il-bandisti huma kollha lebsin l-istess gear. Din kienet l-ewwel banda f'Malta li bdiet din it-tradizzjoni li waqt il-marċ ta' filgħodu jintlibes l-istess gear jew flokk mill-bandisti.

F'din id-diska is-surmast kien ġabar il-krema tal-marċi li kien diġa' kiteb. La Vincitrice, Agrigento, Here Comes the Dukes, Il Tango alla Marcia, Karmar, Niagara falls, La Bella Padrona u Gambin Brothers.

Baned oħrajn li s-surmast Andrew Coleiro mexxa matul il-karriera tiegħu kienu l-banda tal-għaqda tal-mużika *"San Gejtanu"* tal-Ħamrun,il-banda *"San Gużepp"* ta' Ħal Għaxaq, il-banda "De Paule" ta' Raħal Ġdid, il-banda *"Stella Maris"* ta' Tas-Sliema u l-banda *"Prekursur"* tax-Xewkija Għawdex.

Huma ftit dawk il-baned f'Malta u Għawdex li m'għandhomx marċi tas-surmast Andrew Coleiro fir-repertorju tagħhom.

Kien propju għal din ir-raguni li s-surmast ġie onorat b'Ġieħ ir-Repubblika ta' Malta. Awguri lis-surmast Andrew Coleiro mill-Kumitat Ċentrali, membri u partitarji tal-każin tal-banda *"Duke of Connaught's Own"*.